# Tribunal Industrijali

## Decizjoni Numru 2789

**Kaz Numru: 3718/MD**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**
**bejn**
**Owen Catania [ID 96899M]**
**vs**
**Fiona Farrugia**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Illum it-Tnejn 6 ta' Dicembru, 2021

**Chairperson: Dr. Marouska Debono LL.D., M.A. in Law**

It-Tribunal,

1. **Introduzzjoni**

Ra illi r-Rikorrent Owen Catania pprezenta l-kaz tieghu fid-29 ta' Jannar tas-sena 2019[1] fejn irrileva:

Illi l-esponenti kien impjegat mall-konvenuta Fiona Farrugia bhala Salesperson fuq kuntratt indefinit.

Illi l-esponenti qatt ma kellu problemi mall-imghallem tieghu.

Illi l-esponenti gie nfurmat li ser jigi mkecci permezz ta' messagg fuq Facebook.

L-esponenti kien sorpriz *stante* li huwa qatt ma kien gie avvicinat qabel b'ilmenti min-naha tal-imghallem tieghu.

[1] A fol 1 et seq tal-process.

Illi l-esponenti ma thallasx l-ammont dovut lilu kollu, stante li huwa ma thallasx tal-*vacation leave* li fadal u akkumula, ma thallasx tan-*notice period*.

Illi huwa tkecca fuq passi dixxiplinarji [meta mhux il-kaz] u qieghed isofri danni stante li qieghed isib diffikulta' anke sabiex isib xoghol;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett li dana t-Tribunal sabiex jigu llikwidati d-danni a favur l-esponenti *stante* li dana huwa kaz ta' tkeccija ngusta u ksur car ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra r-risposta pprezentata mill-Intimata Fiona Farrugia nhar it-13 ta' Mejju 2019[2] teccepixxi s-segwenti:

Illi fl-ewwel lok Owen Catania ghandu jipprezenta d-dikjarazzjoni tal-fatti tieghu, hekk kif timponi l-ligi. Dana huwa wkoll mehtieg tenut kont li f'din il-procedura hemm l-inverzjoni tal-provi.

Illi hekk kif l-esponenti tkun notifikata b'tali dikjarazzjoni jaf ikun mehtieg li hija ddahhal eccezzjonijiet ulterjuri apparti dawk stipulati fuq dan id-dokument. F'dak il-mument hija tkun ukoll f'qaghda li ddahhal id-dikjarazzjoni tal-kaz taghha.

Illi l-impjieg ta' Owen Catania gie terminat ghal ragunijiet gusti u sufficjenti skond il-ligi, hekk kif ser jigi muri waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi ma huwiex minnu li l-esponenti qatt ma lmentat dwar l-imgieba tieghu. Fil-fatt huwa gie mwissi diversi drabi dwar sensiela ta' nuqqasijiet, hekk kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

Illi ma huwiex minnu li Owen Catania ma huwiex isib impjieg iehor. Wiehed irid jindaga x'tentattivi ghamel sabiex jerga' jigi mpjegat, u jekk huwiex jahdem mod iehor.

Ra x-xhieda prodotti mill-partijiet.

Ra l-affidavits prodotti.

Ra d-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet finali mressqa mill-partijiet.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

## 2. <u>Fatti fil-Qosor</u>

[2] A fol 28 et seq tal-process

Illi r-Rikorrent kien ittermina l-impjieg li kellu mall-Maypole sabiex imur jahdem mall-Intimata u permezz ta' kuntratt ta' mpieg fuq bazi full-time bhala salesperson f'hanut li jinsab Zebbug. Il-ftehim bejn il-partijiet kien li waqt it-training period r-Rikorrent jircievi salarju gross ta' Eur 800 fix-xahar, izda meta ma jibqax f'dik il-fazi ta' training huwa kien ser jizdied fil-paga. Il-gurnata tax-xoghol tar-Rikorrent kienet li jiftah il-hanut fid-9.00am u jaghlaq fin-12.30pm filwaqt li jerga' jiftah fl-4.00pm u jaghlaq fis-7.00pm. Normalment ir-Rikorrent kien imur id-dar wara nofsinhar izda kien hemm minn darba sa tlett darbiet fil-gimgha li kien jahdem total ta' 10 sighat f'gurnata peress li r-Rikorrent kienet thaddmu wkoll fl-istore li kellha z-Zurrieq.

Peress li r-Rikorrent kien jigi struzzjonat jahdem wkoll f'hinijiet li l-hanut ikun maghluq, kien jahdem hafna sighat zejda li kien obbligat li jithallas l-overtime taghhom. Meta kellem lill-Intimata nfurmatu li ma kienx ser ikun hemm hlas ta' overtime izda s-sighat zejda kienu ser jigu kkumpensati granet leave.

Fir-rigward tal-leave moghti in rapprezentanza tal-overtime, ghall-bidu li beda jahdem mall-Intimata kienu jiftehmu izda kien ikun hemm okkazzjonijiet fejn ma kienx ikun jista' jiehu l-leave. Ghalkemm kien hemm ftehim fuq il-hinijiet li kellu jahdem ir-Rikorrent u cioe' mit-Tnejn sal-Gimgha, nghata struzzjonijiet biex jibda jahdem is-Sibt mid-9.00am sas-1.00pm, fejn zdiedu wkoll sal-5.00pm minflok sas-1.00pm.

Ir-Rikorrent kien xtara qasba tas-sajd li kienet tiswa Eur 300 mill-hanut fejn kien jahdem fejn kienet inkisritlu parti minnha, u kien gie nfurmat li dik il-parti li nkisret kienet ser iddum ftit biex tasal. Huwa tefaha fuq Facebook sabiex bil-flus taghha jixtri ohra, fejn l-Intimata u zewgha kienu qalulu li kienu ser jixtruha huma.

Ir-Rikorrent flimkien ma' missieru marru l-hanut li l-Intimata ghandha gewwa Gwardamangia bl-intendiment li jaghti l-qasba lir-ragel tal-Intimata, jiehu l-kreditu u jordna ohra, fejn Silvio Farrugia qallu li ser itih in-notice. Xi ragunijiet kienu li:

Meta jsejjhu laqa' tax-xoghol minkejja li kien jattendi ma kienx isegwi;

Darba minnhom kien dahal minghajr gakketta tal-uniformi;

Ma kienx mar jara lill-ibnu meta kien l-isptar u dik il-gurnata kien hadha sick.

Il-qasba spicca halliha fil-hanut u qatt ma ha l-kumpens taghha. L-Intimata kienet baghtitlu messagg filghaxija fuq il-Facebook sabiex jirritorna l-hwejjeg u c-cwievet lura. Hija kkonfermat li r-Rikorrent kien qieghed jigi mkecci. Missier ir-Rikorrent kien irritorna lura c-cwievet u l-uniformi.

Ghalkemm l-Intimata qaltlu li ser tibghatlu l-flus bil-posta, izda qatt ma rcieva xejn u f'Dicembru, baghtet lir-Rikorrent biex imur ghall-ahhar paga li kien ghadu ma thallasx ghaliha, izda hu la wiegeb ghall-messagg u lanqas mar fil-hwienet taghha.

Ir-Rikorrent ma thallasx ta' xahar paga, n-notice period, kif ukoll total ta' sighat addizzjonali ta' overtime fl-ammont ta' circa 120 siegha li gew konvertiti f'leave li hu qatt ma ha.

Fil-formola tat-terminazzjoni tal-impjieg maħruġa minn JobsPlus, gie jidher li tkecca fuq passi dixxiplinari.

### 3. Xhieda fil-Qosor

Ra x-xhieda ta' **Fiona Farrugia**[3] fejn qalet li ghandhom zewg hwienet tas-sajd, wieħed fi Gwardamangia u wieħed Zebbug, u jinfethu f'hinijiet normali li jinfethu l-hwienet. Ibieghu qasab, irkiekel u kull ma hemm bzonn biex wieħed jistad. Ir-Rikorrent kien klijent taghhom u kien jixtri mill-hanut ta' Gwardamangia. Kellhom bzonn in-nies jahdmu maghhom u r-ragel taghha Silvio kien qalilha li jaf b'xi hadd li jista' jkun tajjeb u kienu ghamlulu l-intervista lil Owen Catania, fejn kien gie ngaggat bhala Salesman fil-hanut ta' Zebbug. Kienu qalulu li fil-bidu kienet ser tiggwidah hi u biex jilhaq jitghallem u maz-zmien bdew ihalluh jahdem sabiex jibda jidra. Meta beda juri li qed jipprometti, baghtu ghar-Rikorrent fejn zieduh fil-paga u anke fir-responsabilitajiet bhal jiehu hsieb li jiftah u jaghlaq il-hanut huwa. Il-hanut kien prattikament f'idejh sakemm ma jkunx hemm l-Intimata.

Fin-negozju barra r-Rikorrent, kien hemm ir-ragel taghha, Silvio Farrugia, persuna mpjegata bhala cleaner izda kienet ittihom daqqa t'id f'affarijiet ohrajn bhal jippustjaw u jipprezzaw. Meta telqet il-cleaner impjegaw persuna ohra, Nigel Bunce u dan kien f'Gunju, li kien jahdem fil-hanut ta' Gwardamangia fejn normalment kien ikun hemm ir-ragel taghha. Hija kienet iktar tiehu hsieb il-hanut ta' Zebbug, ghalhekk hija kien ikollha iktar interazzjoni mar-Rikorrent. Huwa ghamel sena mpjegat maghhom. Kien ingaggat fil-15 ta' Novembru 2017 u telaq 22 ta' Novembru 2018. Fil-bidu pprometta, u meta beda diehel is-sajf bdiet ittih iktar tahrig ghaliex ikun hemm iktar domanda tan-nies, ikun hemm iktar bejgh ghaliex iktar jistadu nies. Komparat mall-bejgh tax-xitwa anke d-doppju kien ikun hemm. Sakemm beda s-sajf kienu vera kuntenti bil-prestazzjoni tieghu, izda fis-sajf bhal qisu kulhadd jibda jhoss naqra shana, kulhadd jibda jara x-xoghol zejjed, beda jisslekja. Bdew ikellmuh u jigbdulu l-attenzjoni. Kull xahar kienu jaghmlu staff meeting li ma kinitx biss biex iwiddbu l-haddiema. Jekk ikun hemm bzonn kienu jkellmuhom wahedhom. L-impjegati, r-ragel u hi kienu jkunu prezenti u jekk xi hadd mill-impjegati jkun bil-leave kienu jmexxuha ghal meta kulhadd seta' jkun prezenti. L-impjegati kellhom uniformi, u r-Rikorrent darba fil kien imur minghajr uniformi. L-ikbar problema kienet l-uzu tal-mobile waqt il-hin tax-xoghol, il-hin kollu bil-mobile f'idejh. Dan tafu ghax anke quddiemha kien jaghmilha. Fuq ix-xoghol ghandhom is-CCTV u anke minn fuq il-cameras kienet tarah. Meta kellmuh xi drabi kien qalilhom li ser jitfi l-wi-fi ghaliex huwa l-wi-fi jtellfu. Kien qalilha jekk ma jkollux wi-fi ma jkellmu hadd u li mhux ser jixghel il-mobile. Tahseb li kien jerga' jixghel il-wi-fi ghaliex dejjem kien ikun bil-mobile. Kienet tinkwieta ghaliex kellu mobile jiswa l-flus u jkollhom il-kolla u kienet tghid ma jmurx taqalu l-kolla u jhassar il-mobile. Kienet tghidlu mhux ma juzahx izda biex ihallih fil-basket ghax jekk ha jiehu l-mobile hdejh ikollu tentazzjoni li juzah. Imma baqa' l-istess.

Imbaghad kien hemm affarijiet ohra bhal ma jippancjax. Originarjament il-punch clock kien sar ghaliex hi tkun tixtieq li jekk klijent jidhol fl-ahhar ghaxar minuti, jinqeda, u jekk l-inpjegat ikun dam iktar minn hinu jithallas. Barra li ma kienx jippancja, meta kien rari jippancja, kien

[3] Datata 10 ta' Gunju 2019; a fol 33 et seq tal-process;

jippanca f'nieqes ghaxra u ghoxrin, meta ma jkunx hemm hi. Meta kien ikun hemm gieli baghtitu hi stess ghaliex kien jghidilha li ma jsuqx u jitlef tal-linja u jdum. Kienet tghidlu la hemm hi l-klijenti ser jinqdew. Izda meta tara l-punches, jidher li darba f'gimgha jippancja, jghaddu hmistax u ma jippancja xejn. Ma tafx ghala kien jaghmel hekk. Fil-bidu ma kienetx tehdodha f'sens hazin ghax kienet tahseb li jinsa, u hu hekk kien jghidilha izda ma jistax ikun jinsa kuljum.

Fil-laqghat kienu jigbdulu l-attenzjoni ta' dawn l-affarijiet u kienu jghidulu li sal-laqa ta' wara dawn l-affarijiet iridu jitrangaw inkella jkollu jitkecca. L-iktar li kienu jghidulu kienet fuq tal-mobile. Fuq tal-uniformi kien jghidilhom li ezempju mahmuga. Ziedet li uniformi kellu basket shih. Normalment ikollhom polo shirts, fix-xitwa jkollhom hoodie, sleevless jacket biex ikunu jistghu jahdmu, biex ikollhom l-ghazla, wahda jahslu u l-ohra jkunu jistghu jilbsu. Hu kien jigi liebes normali biex johrog wara.

Kien jaghlaq kmieni, per ezempju flok fin-nofs siegha f'nofsinhar kien jaghlaq fu ghoxrin, flok fis-sebgha filghaxija kien jaghlaq fis-sebgha neqsin ghaxra. Darba minnhom lejn l-ahhar, u hemmhekk indunat li vera xebgha, kien qed ipejjep sigarett barra, u hu kien jaf li ma kienetx tiehu gost, mar klijent u qallu biex imur lghada ghax kien ghamel il-cash. Dan tafu ghax x'hin kien jasal filghaxija specjalment fix-xitwa kienet tixghel is-CCTV biex isserrah rasha li l-hanut inghalaq u inghalaq sew. Gieli kien imur missieru u kien jaghlaq bic-cavetta. Rat lil klijent mis-CCTV u meta baghtet lir-Rikorrent sabiex issaqsih x'ried il-klijent, li gharfitu ghax kien klijent regolari, ir-Rikorrent wegibha li kien qallu biex imur il-gurnata ta' wara ghax il-cash kien ghamilha. Hi kienet qaltlu biex darbohra ma jaghmilx hekk. Qaltlu jekk ma riedx joqghod jerga jaghmel il-cash, jew johrog huta ohra bhala (ghax huta ried) u kienu jghadduha, idealment kemm habba stock u ghal ragunijiet fiskali jiskenahha u kienet tinghalaq ma tal-ghada.

Is-CCTV kienet ilha hemm minn qabel ma beda jahdem ir-Rikorrent. Hi ma kienetx thares il-hin kollu lejn ic-CCTV, kienet taraha filghodu kmieni li kollox sew, tara li filghaxija ghalaq u kollox sew, u taghti daqqa t'ghajn kultant. Kienet tghidlu jekk imorru hafna nies biex icemplilha halli zzomm ghajnejha fuq in-nies li jkun hemm. Gieli per ezempju cemplilha biex isaqsiha xi haga u tara l-klijent. Ezempju iehor kien meta jidhol klijent li hi taf li gieli ghamel pick pocketing, kienet iccempel lir-Rikorrent u tiddeskrivi l-persuna li ghaliha tkun qed tirreferi u tghidlu biex joqghodlu naqra attent, u allura jevitaw li jkun hemm is-serq. Originarjament is-CCTV saret ghax kien ikun hi wahedha fil-hanut u jigi kontrollat is-serq u jekk allahares qatt xi hadd ihossu hazin hemm gew u jkun wahdu hi tinduna. Ir-Rikorrent kien jghidilhom li s-CCTV tqabbdu tensjoni ghaliex jahseb li l-hin kollu toqghod thares lejn. Hija kienet tghidlu illi dik qieghda hemmhekk biex tipprotegih u ghal xejn iktar. Ghalihom biex ma jinsterqux affarijiet. Kienu jispjegawlu li jmur fejn imur jahdem illum kullimkien bis-CCTV.

Fid-dikjarazzjoni tieghu qal li l-leave ma hadux. Hija ghandha s-sieghat kollha li kien hadem, ovvjament mhux skont il-punch clock, izda skont il-hinijiet li taf li dahal hija u ghalkemm kienet tigbidlu l-attenzjoni qatt ma naqqsitlu ghaxar minuti 'l hemm u ghaxar minuti 'l hawn li jkun telaq kmieni. Imxiet daqs li kieku hadimhom kollha. Ghalkemm fid-dikjarazzjoni tieghu qed jghid li ghamel mija u ghoxrin siegha overtime, lejn l-ahhar beda jahdem 36 siegha u anke 35 siegha, u ghandha r-records ta' dan.

Rigward l-overtime hu kien jaf mil-bidu. Fl-intervista stess kien qalilhom li ma xtaqx jahdem iktar minn erbghin siegha. Peress li gieli kienu jinzlu fl-istores ghal-meeting huma kienu jhallsuhom u wara l-meeting kien ikun hemm bicctejn xoghol u kienu jtellghuhom il-hanut. Ta' dawk kienu jhallsu lill-impjegati wkoll. Dawk is-sieghat zejda r-Rikorrent kien prefera li jzidhom mal-leave ghax kien jaf li jippreferi jiehu l-leave, kellu bzonn il-leave. Filfatt huwa hadhom, ghax lejn l-ahhar kien jahdem per ezempju 36 siegha u anke 35 siegha, u ghalhekk dawk l-erbgha jew hames sieghat kienet taqtaghhomlu mil-leave u mhux mil-paga. Ghalhekk il-paga kienet tibqa dejjem l-istess.

Ghall-booking tal-leave kienet tghid lill-impjegati biex jghidulha qabel is-Sibt ghaliex is-Sibt kienu jimxu mar-roster, jekk ikun leave kazwali, izda jekk xi hadd ikun jaf li ha jsiefer jghidulhom mill-ewwel. Kienu jaraw li jkun possibbli, u li m'hemmx xi had iehor bil-leave, ghax bhala staff qeghdin minimu, u allura ma jistax ikun iktar minn xi hadd wiehed bil-leave fl-istess gurnata. Meta r-Rikorrent kien imur jghidilha minn dak il-hin ghal dak il-hin bhal jekk jistax imur jistad wara nofsinhar, jekk jistax imur jaqta xaghru, la tkun tista ttih il-leave u tkun hemm hi kienet taccetta. Kienet tghidlu biex jibbukkja l-leave ghal darb'ohra. Ir-Rikorrent kien jghidilha ghax ma kienx ha jkun jaf kif ha jkun it-temp biex imur jistad. Il-bicca l-kbira tal-leave fuq hekk kien hadu barra meta jkun hemm xi birthdays u wahdiet 'l hemm u 'l hawn, il-bqija kien hadem inqas.

Kienu gibdulu l-attenzjoni quddiem l-impjegati l-ohra, fejn kienu jghidulu li jrid jieqaf sal-laqa li jkun imiss inkella ser jiehdu passi sa jista jitkecca. Ezempju bdew fuq il-mobile, imbaghad fuq l-uniformi, u mbaghad ma bediex jippancja. L-affarijiet fis-sajf bdew jizdiedu iktar. Anke filghodu kien imur ghajjien. Kienu jghidulu li jifhmu li kien ghadu zghir, jifhmu li jrid johrog imma jekk jaf li hu xoghol irid jitfa mohhu hemm halli ma jiehux zbalji filghodu, halli meta jmur ghax-xoghol ikun jaf x'hinu jigri.

Meta hu kien qieghed bil-leave u jien Zebbug, Silvio kien hdejha, ghax kien hemm l-impjegat l-iehor kien Gwardamangia, u x'hin telaq minn hdejh qalulha li sabu lir-Rikorrent l-hanut ma missieru. Silvio kien tkellme mar-Rikorrent fuq qasba li semma li tawh. Tawh qasba li kienet ghadha mhux imhallsa kollha, inkisritlu u Silvio kien qallu li ma hijiex problema u biex johodha fuq ix-xoghol mieghu u jirrangawiehlu. Minflok hadha Zebbug fejn kien jahdem, hadha Gwardamangia u nqala kaos. Meta mar lura, Silvio kien qalilha li r-Rikorrent kien aggressiv u kellu jkeccieh. Silvio u l-impjegat l-iehor kienu ssuggerewlha sabiex l-ghada ma tiftahx il-hanut ghax bezghu li jmur hemm u jinqala xi haga. Ghal dak in-nhar li nqala l-incident, ir-Rikorrent kien talabha l-leave sabiex imur jew jaghmel xaghru jew eyebrow shaping, li kienu ta' kull gimgha, wisq probabli lesta qabel jew ma tafx ghalfejn mar hemmhekk. X'hin kellmet lir-ragel u lill-impjegat l-iehor kienu imwerwrin tant li ma riduhiex li l-ghada tiftah il-hanut ghall-ebda mod. Qalulha li lir-Rikorrent ilha sena mieghu imma ma tafux, ghalkemm minghaliha li tafu l-iktar hija, ghaliex qatt ma kien mar kif kien mar hu dak inhar u li hi ma tiflahx ghalih.

Fil-laqghat ghalkemm ma kienux twal kienu jiehdu punti fuqhom biex jaraw x'intqal ix-xahar ta' qabel. Fihom kienu jaraw fejn marru tajjeb l-impjegati u fejn marru hazin. Ghandha kopja taghhom ghaliex normalment il-punti johodhom Silvio u hi taghmel il-filing.

Wara li r-Rikorrent ma baqghax jahdem maghhom, milli rat fuq facebook kien qed jirreklama li jaghmel l-istickers, fetah business jaghmel l-istickers u hadet pjacir li sab xoghol iehor. Kien hemm il-mobile number tieghu u anke l-email tieghu li jaghmel l-istickers tal-karozzi. Kienet ser tirreppja l-vann tax-xoghol u bdiet tfittex u tela r-reklam tar-Rikorrent.

Fir-rigward ta kif ittiehed il-leave u kif inhadmu l-extra hours, kienu jahdmuhom gimgha gimgha, jekk ittiehdu siegha u nofs zejda jitnizzlu fuq naha u jekk ittiehed leave jitnizzlu fuq in-naha l-ohra.[4] Dejjem tara it-total tal-leave, jekk wiehed hadem zejjed jizdiedu, jekk wiehed hadem inqas jitnaqqsu. Dejjem hadmu b'din il-procedura, ma kulhadd. Prattikament mill-ewwel gurnata sal-ahhar gurnata jahdmu hekk, minhabba li jkun hemm granet li wiehed irid jahdem iktar, u jahdmu hekk ghax mal-impjegati ta' qabel kien hemm problema li kienet tigi l-ahhar tas-sena u kienu jispiccaw bla leave, allura qatghu line biex l-impjegati jkunu komdi li dik is-siegha u nofs zejda li jahdmu tizdidilhom mal-leave. Meta r-Rikorrent kien jahdem maghhom is-Sibt fix-xitwa kienu jaghlqu fis-siegha flok fil-hamsa, allura jkun qed jahdem 4 sieghat inqas fil-gimgha. Dawk jakkumulaw mas-sieghat zejda li jkunu hadmu hinijiet ohra. Jekk jinzlu l-istore, jekk jaghmlu laqgha, dawk dejjem jizdiedu biex ipattu ghal dawk il-granet li ma tkunx qed tahdem ghax inkella jekk ha joqghodi jaqtghu erbgha sieghat kull nhar ta' Sibt l-impjegati jispiccaw bla leave.

Ir-Rikorrent kien fadallu ghoxrin siegha leave, li ghadhom iridu jithallsu lir-Rikorrent. Ma rrifjutatx li thallsu u qeghdin mal-ahhar paga.

Fuq id-dokument tal-punch clock, hemm zewg kolonni, li jaqraw meta dahal u meta hareg, meta kien jippancja. On average huma suppost kienu jippancjaw 4 darbiet kuljum, jidhlu u johorgu f'nofsinhar, jidhlu wara nofsinhar u johorgu filghaxija. Fejn hemm data wahda fuq tar-Rikorrent ghaliex ikun ippancja darba. Normalment timxi mar-roster, kieku qas tatu kwart tal-paga, kieku imxiet mad-dokument tal-punch clock. Kienet timxi mar-roster. Kienet izzommhom biex tara li kien dahal fil-hin u hareg fil-hinm u jekk ezempju qieghed wahdu u dahal l-ahhar klijent fl-ahar ghaxar minuti, anke fl-ahhar hames minuti tippretendih li taqdih u jekk minflok san-nofs siegha jkun ghamel sas-siegha tapdejtja r-roster taghha. Fejn hemm immarkat isfar fid-dokument immarkat bhala FF2[5], fejn hemm immarkat bl-isfar ikun dahal tard jew hareg qabel il-hin. Il-hinijiet huma id-disgha u n-nofs siegha u l-erbgha u s-sebgha. Meta dahal fid-disgha u tlett minuti ma gewx immarkati avolja hemm kwarta biex jinfetah il-hanut u suppost jidhol ftit qabel. Jekk ikun dahal tard, ma tkunx taf. Filfatt kienet xi haga li kienu jsemmuha prattikament kull laqgha. Il-punching hija parti mis-sistema li hi parti mill-computer. Is-sistema hija li x'hin taghmel log in hemm il-punch clock u n-numru tar-Rikorrent kien 5, kulhadd ghandu n-numru tieghu.

Fil-minuti tal-laqghat ezempju fil-bidu ta' Lulju, r-Rikorrent kien irnexxilu jorbot sunnara zghira ghax kellu problema biex jorbot sunnara zghira. Qalu li ser jiftiehmu ghal darb'ohra ezempju, kienet l-ewwel laqgha tas-salesman li huwa xhud, li la ghamlulu l-punch clock seta' beda jippancja. Gabet il-minuti ta' erba' laqghat fejn issemma r-Rikorrent, li jridu jilbsu l-uniformi, li ma jridux jilghabu bil-mobile, li jrid jintefa l-mobile. Id-dati huma tas-16 ta' Lulju, 20 ta' Awissu, 15 t'Ottubru u l-1 ta' Novembru tas-sena 2018.

---

[4] A fol 52 et seq tal-process, xhieda datata 14 t'Ottubru 2019.
[5] A fol 49 tal-process.

Fis-16 ta' Lulju, l-ewwel kienu fahhruh ghax rabat is-sunnara ghaliex kien qisu qed jaqta' qalbu peress li kienet irqiqa u qalulu la qed sejjer tajjeb, jista jlesti ghal-hanut l-iehor. Huma dejjem jippruvaw li meta torbot, torbot ghal-hwienet kollha mhux ghal wiehed biss. Dik il-gurnata, Silvio kien kellmu casually fuq il-mobile, fakkru u qallu li kien ser jitfi l-WIFI. Ir-Rikorrent kien qallu li jekk jitfi l-WIFI kien inehhilu t-tentazzjoni ghax qisu bla ma trid thares lejn il-mobile. Silvio qallu wkoll sabiex il-mobile ma jhallihx hdejn il-cash li ma jmurx jisirquhulu.

Fl-20 t'Awissu regghu fakkruh fuq il-punch clock ghax innutaw li ma kienux qed jippancjaw. Nigel kien ghadu gdid, ir-Rikorrent ma kienx qed jippancja sew u regghu fakkru lir-Rikorrent biex inaqqas l-uzu tal-mobile. Ftehmu wkoll li kienu ser jaghmlu chat bejniethom.

Fil-15 t'Ottubru regghu fakkru fil-punch clock, regghu semmew tal-mobile u kienu nfurmaw li ser jaqilbu bl-uniformi tax-Xitwa. Kienu qalulu biex ma jilloggjax barra mill-Facebook tal-hanut sabiex jidhol fuq il-Facebook tieghu u ma mbaghad ma kienx jaf il-password biex jerga' jidhol f'tal-hanut. Semmew ukoll biex izommu l-post nadif.

Fl-1 ta' Novembru saret laqgha biex jinfurmaw li ser jifthu hanut l-Italja u hemmhekk l-iktar li nqalghu problemi. Qalulu li qalulu lil kulhadd biex jiftaktu jippancjaw, qalu li ser jifthu hanut, ghamlu stop leave ghall-kumplament ta' dak ix-xahar biex ilahhqu max-xoghol. U talbuh sabiex minflok jiehu zewg afternoons off ghaliex kien qed jiehu l-Hamis u l-Gimgha jipprova jiehu wahda. Regghu kellmuh fuq il-mobile. Ix-xoghol mill-hanut ma kienx qed isir. Hemmhekk Silvio kien tah verbal warning.

Bhala hinijiet tal-hwienet kienu mit-Tnejn sal-Hamis kienu jifthu mid-disgha san-nofs siegha u mill-erbgha sas-sebgha, il-Gimgha mid-disgha sas-sebgha, u s-Sibt kienu jahdmu mid-disgha sas-sebgha izda biddlu l-hinijiet mid-disgha sal hamsa.[6] Ir-rikorrent kien jahdem dawn il-hinijiet.

Bhala gkieket kellu tnejn, wahda minnhom irritornaha lura u l-ohra le. Bhala polo shirts kellu blu li ma tantx kien jilbsu ghax ma kienx komdu u taqbel maghhom, imbaghad kienu ghamlu l-homor u kellu wiehed isfar. Kellu xi tlieta homor, wiehed isfar u wiehed blu.

Ir-Rikorrent l-aktar li kien jahdem kien maghha, fil-hanut ta' Zebbug, imbaghad kienu jinzlu biex jghabbu xi stock wara nofsinhar, l-istore qieghed iz-Zurrieq u jaghmlu l-laqghat hemmhekk ukoll. Meta jidhlu gol-istore ma jkunux qeghdin jghabbu, jkun hemm tarag. Bhala safety shoes qatt ma inghata ghaliex ma hemmx affarijiet li jistghu jaqghu li hemm bzonn safety shoes. Fih ikun hemm storjat affarijiet tas-sajd.

Ma zammewx is-CCTV ghaliex l-ghada kien mar missieru bl-uniformi u c-cavetta u missieru skuza ruhu f'isem ir-Rikorrent u ghalhekk hasbu li spicca kollox b'wicc il-gid.

[6] A fol 91 et seq tal-process, kontro-ezami datat 17 ta' Frar 2020.

Kien hemm Facebook chat u page tal-hanut. La r-Rikorrent u lanqas impjegati ohra ma kellhom il-permess li jwiegbu ghall-mistoqsijiet tal-klijenti la minn fuq il-Facebook tal-hanut u lanqas minn tieghu. Jekk il-klijenti kienu jkellmuh personalment ghamlu hazin u ma kinitx taf biha. Ma kienx qalilha u kieku qalilha kienet ittih warning ghax hadd mill-haddiema ma seta' jaghmilha.

Fir-rigward tad-dokument OC1, li jinsab a fol 80, dwar il-messagg li kienet baghtitlu, dak iz-zmien kienu qed jifthu hanut l-Italja u kien jaf li kienu qeghdin maghfusin, kien hemm stop leave u hu ma riedx jaf bih ghax ried imur xorta ghand il-hairdresser u jaghmel l-eyebrows, u ghalhekk qaltlu ghaizltu z-zmien. Huma fethu l-hanut fl-1 ta' Dicembru, siefru madwar 29 jew 30 ta' Novembru u hu kellu jigi imkecci fit-22 ta' Novembru, gimgha qabel. Tatu l-flus tan-notice, halsitu lura.

Saret taf bl-incident ghaliex xeghlet il-kamera mill-hanut ta' Zebbug biex tara jekk Silvio u Nigel kienux ghalqu. Kien hemm biza, il-hanut infetah imma mar missierha maghha ghax ma rieduhiex toqghod wahedha. Filghodu biddlu l-password biex jidhlu.

Ra x-xiehda ta' **Silvio Farrugia**[7] li qal ghandu business flimkien mall-mara tieghu Fiona Farrugia, tal-bejgh retail tal-affarijiet tas-sajd ghal min hu dilettant tas-sajd u ghandhom zewgt'ihwienet, wiehed Zebbug u l-iehor Gwardamangia. Hi tiggestixxi ta' Zebbug u hu ta' Gwardamangia. Ta' Zebbug kien hem mir-Rikorrent jahdem fih u ta' Gwardamangia Nigel Bunce. Ir-Rikorrent kien jahdem naha u hu kien jahdem naha ohra, izda kienu jiltaqghu fil-warehouse fejn jahznu x-xoghol, gewwa z-Zurrieq. Iz-Zurrieq kienu jitilghu biex itellghu x-xoghol il-hanut u kultant kienu jsiru laqghat ukoll bejn l-impjegati, fuq l-andament, jekk kienx hemm xi problemi. Dawn kienu jsiru darba fix-xahar. Qabel ma beda jahdem maghhom kien klijent. Hu kien qallu li jrid isib xoghol iehor u kellhom vacancy u kien staqsieh jekk kienx interessat. Ghamel prova, ghogbu x-xoghol u beda jahdem maghhom. Inizjalment l-Intimata kienet kuntenta bih, sakemm beda l-istagun taghhom, is-sajf. Ir-Rikorrent beda jahdem maghhom ghal xi Novembru, qisu 6 xhur kienu ghaddew qabel beda l-istagun. Il-business taghhom huwa ciklu, mhux dejjem ikun kostanti, hemm certu xhur fejn ix-xoghol taghhom jaqa, ma tantx ikollhom xoghol. Imbaghad jizdied, tpatti ghal xhur li jkunu batuti.

L-Intimata qaltlu li r-rikorrent beda jislekja naqra ghax kien ikun irid l-leavem ma jkunx irid jahdem certu hinijiet, minn hemmhekk bdew il-problemi. Tkellmu hafna drabi, waqt il-laqghat, dejjem jipprovaw isibu soluzzjoni biex jakkomodawh. Dwar l-ilmenti tal-Intimata kienu jghidulu speci li dak hanut, certu hinijiet iridu jaghmluhom. Pero' ma kienx ikun irid jahdem certu hinijiet, specjalment is-Sibt meta l-gurnata kienet l-iktar wahda importanti ghalihom. Is-Sibt prattikament qisha tigborlok il-gimgha, u hu ma kienx ikun irid jahdem.

Kien hemm diversi lmenti li ssemmew waqt dawn il-laqghat bhal ezempju l-uzu tal-mobile, jisserfja, li jilbsu l-uniformi. Dawn l-affarijiet kienu jsemmuhom anki ma l-impjegati, gifieri flimkien kienu jkunu. Normalment l-Intimata kienet tindirizza l-laqghat. F'dawn il-laqghat lir-Rikorrent kienet tghidlu biex jaghmel mohhu hemm, izomm il-hinijiet ghax kien jidhol tard

[7] A fol 28 et seq tal-process, xhieda datata 10 ta' Gunju 2019.

u jitlaq kmieni. Kien hemm sitwazzjonijiet fejn lil klijenti baghthom ‘l hemm, ghalhekk waqt il-hin tax-xoghol il-hanut ikun gja maghluq. Mhux accettabbli li jekk il-hanut jaghmel sas-sebgha miftuh, fis-sebgha jkun gja maghluq. Huma jharsu hafna lejn l-image taghhom. Lir-Rikorrent kienu jghidulu li ma setax jibqa jaghmel hekk u kien jinjora.

Fir-rigward tal-incident, bazikament kien talbu dik il-gurnata biex jirritorna l-qasba fil-post fejn hu kien jamministra jigifieri Zebbug, xil-5.30 ghaliex kelluy appuntament Zebbug. Hu ma kienx dahal ghax-xoghol u fil-hamsa kien hemm il-mara il-hanut ta’ Zebbug. Xil-5.30 nizel Gwardamangia biex ma jhalliex lill-impjegat wahdu, Nigel Bunce ghaliex kien ghadu gdid, u sab lir-Rikorrent hemmhekk. Kellu xi haga zghira, ghamilha u x’hin hareg ir-Rikorrent qallu li kien ha l-qasba, fejn qallu li hu kellu jhalliha, u ma kellux ghalfejn imur hemm. Ir-Rikorrent irrispondieh li hemmhekk kellu jmur biha. Hu staqsieh jekk hux ha jhalliha hemmhekk. Bazikament dan kellu xi tackle li kienet second hand, beda jipprova jbieghha, ra sitwazzjoni fejn ir-Rikorrent kien qisu qed ihassar il-business taghhom. Ir-Rikorrent ha l-qasba lura u qallu li jrid il-flus, fejn hu kien qabel. Din ma kienetx imhallsa. Kellu qasba u rukkell ried jibdilhom. Il-qasba kien tahilu, kien ghadu ma hallasiex. Kienet bdiet tinqata mil-paga skont dak li ftehmu fuqu. Meta mar biex jaghtih lura l-qasba ried jirranga ferh (sezzjoni) ghaliex kien kissirha. Hu kien qallu li ser jara kif jirrangahielu malajr kemm jinqeda. Ir-Rikorrent ried il-part originali taghha, fejn qallu li kien ser igibilu, ghaliex hu dejjem jipprova jikkuntentah. Ir-Rikorrent riedha dak il-hin u qallu biex izarma wahda gdida. Kienu qed jitkelmu fuq qasba ta’ tlett mitt Euro. Kien qal lir-Rikorrent ghalfejn kien qed jaghmillu hekk. Staqsih x’differenza kienet ser taghmillu lilu, izda r-Rikorrent insista li riedha. Huma kienu ftehmu li l-qasba jhalliha kompletament fil-hanut, jirritornaha, ghax hu ma kienx ghadu hallasha, qisu qatt ma hadha. Hu ma kellux interess, anzi ried li jikkuntentah lir-Rikorrent, li wisq probabli kienet il-problema. Qallu li l-ftehim kien li jhalliha hemmhekk izda r-Rikorrent riedha. Qallu li s-sezzjoni (ferh) ser igibielu mall-ordni izda ser tigieh iktar minhabba li kien ser igibha bil-courier.

Ir-Rikorrent beda ixejjer idejh u jiccargjah. Iccelingjah u beda joqghod dawk il-1.5m ‘il boghod minnu ghax jekk jaqbad itih kien ikissru zgur. Ghaqqad il-ponn, missieru mar izommu u talbu ghal darba darbtejn biex ma jonqosx mir-rispett lejhom ghax beda jghajru, qallu li hi mohhu fil-flus. Beda jghajjar lill-Intimata li tindahallu fil-hajja privata tieghu. L-Intimata ghax forsi kienet tghidlu biex ma joqghodx sal-erbgha ta’ filghodu barra, ghax imbaghad jigi ghax-xoghol ghajjien mejjet, mohhu ma jkunx fix-xoghol u jibda jiehu l-izbalji, ghax hu kuljum barra sal-erbgha ta’ filghodu wisq probabli. L-Intimata kienet tittrattah qisha ommu u huma lill-impjegati jittrattawhom vera tajjeb. Ghaqqad il-ponn ghalih, u missieru mar izommu minn wara. Meta ra dik l-aggressivita’ fuqu ghalih kienet inspjegabbli, ghax qatt ma kellmu hekk kemm kienu ilhom xoghol flimkien. Ir-Rikorrent dejjem rizervat, ghax meta kien joffri lill-impjegati kollha, kafe jew te jew sahansitra jaghmel ikla, hu dejjem kien jirrifjuta. Meta kellem lil missieru ghax lil missieru jafu, ghax jinkwieta ghalih, qallu li anke maghhom hekk kien jaghmel, kien rizervat hafna. Kien qal lil missieru li jew kellu xi problema ghaliex mohhu ma kienx qieghed hemmhekk.

Meta ghaqqad il-ponn u kien aggressiv qal li ser ikollu jibghatu. Ma setax ma jsemmiex meta kien mizmum mill-Pulizija fuq glied li sar il-Hamrun. F’dawk il-jumejn ma marx ghax-xoghol u kellha tmur l-Intimata meta kellha xi nies li riedet toqghod maghhom. F’dak l-incident tal-Hamrun ixxerred id-demm. Meta fil-hanut rah b’dik l-aggressivita, ghajnejh homor nar, qatt ma kien rahom homor nar hekk, qallu li ma setghux jibqghu jahdmu hekk u ser ikollu jkeccieh.

Ma setax jafdah mall-Intimata wahdu. Dak il-hin tal-incident kien hemm l-impjegat Nigel Bunce li staqsih jekk iridx li jitlaq u hu kien qallu le li hu xoghol hemmhekk u ma jitlaqx. Wara ftit minuti, dak inhar stess, fil-hanut, ir-Rikorrent hebb ghal Nigel Bunce ukoll, izda zammu missieru u qallu biex jitilqu 'l hemm. Dan l-incident dam ghaddej madwar 40 minuta. Skont ir-Rikorrent il-problemi tieghu kienu bdew kemm kien ilu li gie impjegat Bunce.

Dak inhar tal-incident huwa wasal l-hanut ta' Gwardamangia, u sab lir-Rikorrent il-hanut fejn kien hemm Nigel Bunce, hu u missieru Karmenu.[8] Meta staqsih x'kellu bzonn qallu li gab il-qasba mieghu. Qallu li ma kellux ghalfejn ghax il-qasba kellu jhalliha Zebbug kif kienu ftehmu u r-Rikorrent innega u qal li le hadha hemmhekk. Ried il-ferh taghha u qallu li mhux problema u li kien ser igiblu wiehed, u ser jirrangahilu sakemm jidhra jitghallem biha. Ir-Rikorrent ried wiehed gdid u qallu li qabel ma jaghtih wiehed gdid ma kienx ser johrog minn hemmhekk. Staqsih ghalfejn kien qed jaghmel hekk u li ma setax jifhem l-attegjament tieghu. spjegali li ma setax itih wiehed billi jzarma qasba dak il-hin, u kienet procedura normali kif jaghmel ma nies ohrajn. Kien agitat hafna u kellu ghajnejh imqabbzin homor nar. Dan l-incident dam ghaddej xi 40 minuta, ghaliex huwa wasal il-hanut xis-sitta u hu telaq kwazi fis-sebgha. Kien tant ecitat li hebb ghalih u ghall-impjegat l-iehor u zammu missieru. Beda jsabbat saqajh ma missieru u qallu li ried l-affarijiet dak il-hin, kif jaghmel tifel zghir imhassar. Ma ghamilx rapport mal-Pulizija ghaliex l-ghada kien mar missieru bil-hwejjeg, ghalkemm ma hax il-hwejjeg kollha, ha c-cavetta tal-hanut ukoll u missieru skuza ruhu f'ismu tal-attegjament tieghu. Lil missieru qallu li bil-kelma t-tajba kien qallu ghaliex huwa xtaq jirranga l-affarijiet. Jekk ihares lejn il-messaggi li baghtitlu l-Intimata qaltlu li ma gara xejn u ghalhekk qisu qatt ma gara xejn. Jissetiljaw l-affarijiet u anka kellimha. Kien imbezza u ma marx jaghmel rapport ghax hu kien jafu. Wara gie li huwa ma setax ihaddmu, ma setax jibghatu mal-mara.

Waqt il-hin tal-incident ic-CCTVs kienu mixghula. Dak inhar huwa kien staqsieh jekk kienx kuntent u r-Rikorrent qallu li ma kienx. Qallu biex jaqbad u jara. Ir-Rikorrent qallu mhux problema, xoghol hemm u jsib kemm irid. Meta staqsieh xi jdejqu qallu is-CCTVs ghax ma kienx komdu bis-CCTV thares lejh. Qallu li dawn qeghdin hemm biex jipproteguh. Missieru ikkonferma li c-CCTVs idejquh. Hu rrispondih li ma hu jaghmel xejn hazin, ghalxiex ghandhom idejquh. Din il-konversazzjoni grat qabel ma r-Rikorrent kien aggressiv.

Ra x-xhieda ta' **Nigel Bunce**[9] li qal li huwa jahdem ma' Silvio Farrugia u l-Intimata, bhala Sales Assistant u r-relazzjoni taghhom hija tajba hafna u jigi trattat tajjeb hafna x-xoghol. Qabel ma telaq ir-Rikorrent, huwa kien jiehu hsieb il-hanut ta' Gwardamangia flimkien ma' Silvio, u r-Rikorrent kien jiehu hsieb il-hanut ta' Zebbug flimkien mall-Intimata.

Darba fix-xahar kienu jsiru laqghat b'mod regolari biex izommu ruhhom infurmati fuq xoghol, kemm fuq xoghol gdid, kif qed igibu ruhhom. Fil-hwienet ghandhom sistema tal-cameras u kultant kien jigi ccekjat jekk hux kollox ghaddej sew. Jekk tkun tidher ezempju bla uniformi, tigbidlek l-attenzjoni fuq l-uniformi, jekk tarak tuza l-mobile ha tigbidlek l-attenzjoni. Meta jkunu waqt laqgha fil-minuti jghidulhom, il-mobile irid jigi uzat inqas, iridu jiffukar fuq ix-xoghol.

[8] A fol 93 tal-process, kontro-ezami datat 17 ta' Frar 2020.
[9] A fol 67 et seq tal-process, xhieda datata 14 t'Ottubru 2019.

Dakinhar tal-incident bejn Silvio u r-Rikorrent, kien qieghed wahdu l-hanut ghax Silvio kellu bzonn jaghmel qadja, kien qed jaqdi klijent partikolari, dahal ir-Rikorrent u staqsieh ghal Silvio. Qallu li dak ikun mieghu ghaliex mar jaghmel qadja. Ir-Rikorrent kien ma missieru. X'hin dahal Silvio bdew jitkellmu fuq qasba ghax kienet inqasmitlu l-bicca ta' quddiem. Jekk ma huwiex sejjer zball kienet giet imhallsa bicca minnha u kien jonqos li tithallas parti zghira ohra x'jigi imhallas. Silvio qallu li ma kienetx ser tkun problema biex igiblu l-part, izda r-Rikorrent insista li ried parti minn qasba li kien hemm gol-hanut. Silvio kien irrifjuta ghaliex kienet qasba li kienet tiswa l-flus u ma xtaqx izarma din il-qasba. Silvio qallu irid jistenna ftit sakemm tasal il-part izda r-Rikorrent irrifjuta u qallu li ried il-part dak il-hin u li ma kienx ser johrog mill-hanut qabel il-part tkun ghandu. Meta r-Rikorrent irrifjuta l-proposta ta' Silvio, beda jimbottah lill-istess Silvio, qabdu missieru u zammu lura. Minn hemm beda jitkellem hazin u beda jgib ruhu hazin. Dar fuq u qallu li hu qed johodlu postu, u li hazin jekk jibqa' sejjer hekk ghaliex ma kienx sew li hu kien ilu impjegat iktar minnu u qed johodlu postu. Hu irrispondih li ma kienx jaf x'qed jaghmillu biex johodlu postu ghaliex hu ma jahdimx mieghu u jkunu hwienet differenti. Kwazi kwazi kien ser jitla fuq il-bank izda zammu missieru. Imbaghad Silvio kien qal lir-Rikorrent biex ma jiehux ghalih, kien ilu ghaddej biha u ser ikollu jtih in-notice. Ir-Rikorrent staqsa lil Silvio jekk hux ser ikeccih fejn dan tal-ahhar qallu li kienu ilhom javzawh kif qed igib ruhu, ilhom jghidulu fuq il-mobile, sahansitra mar bla uniformi, jahli l-hin fuq il-computer, ix-xoghol ried isir, qed jifthu hanut iehor u ma setghux jahlu hin. Ir-Rikorrent ma hax pjacir, kompla jissupervja u Silvio qalli biex l-ghada ma jersaqx ghax-xoghol, li l-ghada kien ser jibda bin-notice. Ir-Rikorrent hareg 'il barra, sabbat il-bieb warajh u telaq. Imbaghad hu u Silvio qablu illi l-Intimata ahjar ma tiftahx il-hanut l-ghada ghax ma hassewx li tkun safe u bdew jinkwetaw bil-mod kif kien gab ruhu r-Rikorrent.

L-incident dam ghaddej madwar tlett kwarti jew siegha.[10] Ir-Rikorrent mar il-hanut biex ikellem lil Silvio fuq part ta' qasba. Silvio qallu li ma setax itih il-part dak il-hin u r-Rikorrent beda jimbotta, kien ser jaqbad jaghti u zammu missieru. Ftit wara dar lejh, indirizza lilu u kien ha jerga jaghmel ghalih u rega zammu missieru. Ir-Rikorrent tela fuq il-bank u rega zammu missieru. Qallu li qed johodlu postu fuq il-post tax-xoghol, u li qed jaghmillu hafna hsara meta dan qatt ma kien minnu ghax qatt ma hadmu flimkien. Ma marx jaghmel rapport mal-Pulizija ghax hasbu li l-kaz waqaf hemmhekk. Ma kellux ghalfejn joqghod jibza, ma kellux ghalfejn jidhol fit-trouble ghalxejn. Bhala kommossjoni kien hemm hafna storbju, ghajjat u imbuttar.

Ra x-xhieda ta' **Carmel Catania**[11] li qal li huwa jigi missier ir-Rikorrent. Kien hadem xi xoghol lill-Intimata u lil Silvio Farrugia qabel, kien jafhom minn ambjent ta' xoghol. Sakemm ir-Rikorrent ghamel jahdem mal-Intimata u Silvio gieli tkellmu. Darba kienet cemplitlu l-Intimata, wara l-erbgha u qaltlu li r-Rikorrent ma kienx mar fetah il-hanut u staqsietu jekk kienx qieghed hdejh. Ma kienx qieghed hdejh, beda jcempillu u ma qabdux. Aktar tard ir-Rikorrent kien cempiltlu lura u qaltlu li dak inhar kien ha l-leave, u ma kellux jiftah dak inhar. Darb'ohra kien mar jaghmlilhom xi xoghol il-hanut, kienu jitkellmu normali.

Dwar l-incident ta' meta marru l-hanut minhabba l-qasba, dakinhar kien wasal mix-xoghol u sab lir-Rikorrent hiereg mid-dar. Kien bil-qasba f'idu u qallu li kien sejjer jibdilha peress li kien qasamlu quddiem, u wasslu malajr. Telghu Gwardamangia u x'hin waslu l-hanut kien hemm l-impjegat biss, li ma jiftakarx ismu. Meta staqsew ghal Silvio qalilhom li dalwaqt jasal

[10] A fol 95 et seq tal-process, kontro-ezami datat 17 ta' Frar 2020.
[11] A fol 72 et seq tal-process, xhieda datata 11 ta' Novembru 2019.

u sa dak il-hin kien l-impjegat u r-Rikorrent qaghdu jitkelmu fuq is-sajd waqt li l-impjegat kien qieghed jirranga xi affarijiet fl-armatura. Dahal klijent u qdewh flimkien.

Meta wasal Silvio, staqsa lir-Rikorrent x'hadu 'l hemm, fejn qallu li kien mar habba l-qasba. Silvio qallu li kien qallu li issa jmur hu u r-Rikorrent qallu li huma t-tnejn ikunu fi hwienet differenti fl-istess hinijiet u staqsieh x'hin riedu jiltaqghu, u li kien mar dak il-hin ghax kien leave. Ir-Rikorrent qal lil Silvio li ried imur jistad bil-qasba l-gdida, u Silvio staqieh x'kellha. Ir-Rikorrent kien irrispondi li kellha quddiem maqsum. Fid-daqqa u l-hin Silvio kien intefa mal-bank u qal lir-Rikorrent li kien ha jtih in-notice. Huma kienu baqghu iccassati. Ir-Rikorrent kien staqsa ghaliex kien ser itih in-notice, u Silvio kien irrispondih ghax ma jimxix mar-regoli taghhom bhal ezempju ma marx bil-gakketta tal-uniformi. Ir-Rikorrent irrispondih li ghandu gakketta wahda u ommu haslitilu u ma kienx ser imur biha imxarrba.

Meta regghu qabdu d-diskors fuq il-qasba, ir-Rikorrent qal lil Silvio li kellu l-ewwel bicca zghira ta' quddiem imkissra, l-affarijiet imsewwijin idejquh, jridha gdida u li hu kien qallu li ried jixtriha. Ir-Rikorrent ftit qabel kien qallu li kien ser ibiegh il-qasba lil wiehed. X'gara imbaghad ma jafx. Li jaf li meta wasal id-dar qallu li ser imur jibdel il-qasba u mar iwasslu, u minn hemmhekk sar jaf li ser jixtri l-qasba Silvio.

L-atmosfera qishom qed jitkellmu. Lanqas x'hin Silvio qallu li ser itih in-notice, ir-Rikorrent m'ghamel xejn, kien aktar mohhu fio-qasba dak il-hin ghax qas haduha daqsekk bis-serjeta' li kien ser itih in-notice. In-notice ma kellux x'jaqsam mal-qasba. Ma marrux ghall-ebda argument tax-xoghol, huma marru bil-hsieb li jtih il-qasba, Silvio jhallsu u daqshekk.

Dwar ilmenti ohra li kellu Silvio, kien semma li xi darba ghalaq xi hames minuti qabel u r-Rikorrent qallu li kien il-maltemp u ghal dawk il-hames minuti kien ser jitlef tal-linja u jaghmel nofs siegha fuq l-istage fix-xita, hekk jew b'hekk il-hanut kien vojt. Damu jitkelmu. Filli Silvio kien ha jaghti l-flus lir-Rikorrent u ma jtihomlux, imbaghad ha jtih il-qasba u ma jtihilux, imbaghad jerga jaqbizlu fuq in-notice. Fl-ahhar tal-argument qal lir-Rikorrent li kellu nuqqas ta' rispetto ghax ma marx jara it-tifel tieghu l-isptar. Ir-Rikorrent kien irrisponda li huwa ma setax imur ghax dam gurnata biss u hu jkun xoghol. Silvio qallu li Bunce kien ghadu gdid u mar jarah ukoll. Ir-Rikorrent irrispondih dak biex jidher helu ghax ghahdu gdid. Dak il-hin huwa qabad lir-Rikorrent minn idu u qallu li dak m'ghandux x'jaqsam u hargu normali.

Darba minnhom meta l-Intimata bdiet tistaqsih xi jdejqu r-Rikorrent fejn huwa kien qalilha li wahda mill-affarijiet li kienet iddejqu li ghandu l-kamera tax-xoghol il-hin kollu fuqu u li l-hin kollu thoss li ghandek ghajnejn fuqek thossok daqsxejn stressjat.

Huwa kien prezenti ghall-incident u hin minnhom Silvio qallu biex imur jahdem ma missieru, peress li jahdem self-employed. Dak il-hin hadu bic-cajt lanqas hadu bis-serjeta. Huma kienu konvinti li mhux vera ried itih in-notice ghax litteralment li marru biex ir-Rikorrent jibdel il-qasba, minn tibdel il-qasba f'daqqa wahda qallu li bin-notice, ma kienx hemm raguni ghalfejn.

Ix-xoghol tieghu sign lighter. Kulhadd jiehu lir-Rikorrent mieghu biex mera jkolli xi haga kbira ma jihhendiljahiex wahdu u ghalhekk jiehdu mieghu biex iqieghdha. Ir-Rikorrent jirreklama

l-istickers ghalih, biex ma jkunux b'isem wiehed biex jekk ezempju jigi bniedem ittardjat fit-tul biex jaqdih u jitfa isem hazin ghamel isem iehor ghal dawk li jkollhom affarijiet bhal stickers tal-karozzi zghar. Wara li waqaf jahdem ma l-Inttimata u Silvio neda jirriklama li jaghmel l-istickers mhux is-signs. Hu qallu biex fuq Faceboo jaghmel biex jekk ikun jaf li waqa lura mix-xoghol tal-istickers ma jkunx hemm isem wiehed u dawk id-dilettanti tal-karozzi jsibuha problema biex jinqdew minghand nies bhalhom ghax ikunu busy ma kumpaniji u dan ikun bhal speci ta' backup zghir. L-advertising tal-istickers, id-dettalji tal-kuntatt, u l-indirizz f'dan ir-riklam jappartjenu lilu u mhux lir-Rikorrent.

Ix-xoghol tieghu jaghmel is-signs u jopera taht Advertising Signs.[12] Ir-Rikorrent huwa impjegat mieghu bhal part-time casual worker, jiehdu mieghu meta jkollu bzonn ghajnuna specifika mhux bil-hin regolari.

Catania Stickers Malta hija pagna fejn meta gieli jkun hemm klijenti li ghax ma taqdihomx mal-ewwel joqghodu jaghmlulek isem hazin fuq il-pagni ta' Facebook, Advertising Signs holqu isem u ghamlu dik il-pagna biex dawk li jkunu jridu xi stickers u jkunu affarijiet zghar, jidhlu fuqha u mbaghad jibda jghaddihom lilu. Kien ghamel zmien jiehu hsiebha r-Rikorrent fil-bidu imma ma tantx kien hemm response minnha. Pero' hallweha tidher ghax dak li jkun gieli ma taqdihx mill-ewwel jew ghax tghidlu li ha taqdih u mbaghad jghaddi ftit zmien u ma taqdihx jaghmillek isem hazin. Allura kemm jista jkun l-istickers iz-zghar ihalluhom ghal dik il-pagna u l-Advertising Signs ihalliha ghal kumpaniji f'tabelli u iktar xoghol kbir.

Normalment id-dilettanti tal-karozzi l-ewwel ma jghidulek li jridu sticker ghax l-istickers ivarjaw hafna. Dawn ifittxu fejn hemm stickers. Meta jsibu pagna li fiha l-istickers jitolbu l-korrispondenza fuqek, fil-verita' wiehed kull ma kellhom li hadmu biha fuqha. Meta jaraw Advertising Signs hafna miz-zghazagh u dawn id-dilettanti qas jghaddilhom minn mohhhom li l-Advertising Signs jaghmlu l-istickers ukoll.

Wara l-ahhar seduta biddlu d-dettalji minn fuq isem ir-Rikorrent u ghamlu d-dettalji tieghu. Response ma kellhomx u kull ma kellhom bniedem wiehed li ghamlulu sticker zghira ta' ten euro. Hu stess kien jahdimha. Gieli ha hsibha r-Rikorrent.

Ra l-affidavit ta' **Owen Farrugia**[13] fejn qal li ghal Novembru tas-sena elfejn u sbatax meta kien impjegat mal-Maypole bhala salesperson gie avvicinat mill-Intimata u Silvio Farrugia fejn hajruh biex itemm l-impjieg li kellu u jibda jahdem f'wiehed mill-hwienet li jbieghu supplies relatati mas-sajd. Hu kien jafhom peress li ghandu delizzju tas-sajd u kien imur jixtri l-apparat relatat mas-sajd mill-hwienet taghhom. Hajruh u kienu offrewlu paga ahjar milli kellu mal-Maypole u barra minn hekk kienu serhulu rasu li kienu ser jiehdu hsiebu u jzommuh fuq wicc l-idejn.

Kien beda jahdem maghhom permezz ta' kuntratt indefinit fuq bazi full-time mit-Tnejn sal-Gimgha fil-hanut taghhom li jinsab Zebbug bhala sales-person. Bhala salarju offrewlu li ghal-bidu u cioe' fit-training period jircievi l-ammont ta' Eur 800 gross fix-xahar u

[12] A fol 87 et seq tal-process, kontro-ezami datat 9 ta' Dicembru 2019.
[13] A fol 8 et seq tal-process.

sussegwentement x'hin tghaddi l-fazi tat-tahrig kien jizdied fil-paga. Matul is-sena li ghamel jahdem maghhom kien imhallas ta' 11-il xhar.

Bhala gurnata tipika kien jiftah mid-9.00am san-12.30pm u jerga jiftah fl-4.00pm sas-7.00pm. fil-hin li kien jinghalaq il-hanut xi drabi kien imur id-dar. Kien hemm drabi, gieli darba fil-gimgha u gieli tlett darbiet fil-gimgha meta kien jahdem total ta' 10 sieghat f'gurnata peress li kienu jhaddmuh fl-istore li kellhom iz-Zurrieq, u ghalhekk kien jahdem ukoll bejn n-12.30 pm u l-4.00pm. Ghalhekk huwa kien obbligat li jithallas overtime. Meta kien avvicinha lill-Intimata kif kien ser isir il-hlas tal-over time kienu qaltlu li dawk is-sieghat kienu ser jigu kkumpensati bhala granet leave. Dan it-tip ta' arrangament ma kienux qalulu bih meta hajruh biex jibda jahdem maghhom. Lanqas kien jaf li hu kellu jiddeciedi kif kellhom jigu imhallsa dawk is-sieghat zejda, peress li d-decizjoni kienet ittiehdet minnhom minghajr ma kkonsultaw mieghu.

Fir-rigward tal-leave li beda jigi moghti in rapprezentanza tal-overtime, ghal-bidu li beda jahdem mall-Intimata bdew jirrangaw ghal-leave, pero' kien hemm okkazzjonijiet fejn ma kienx ikun jista jiehu l-leave. Kien hemm drabi fejn l-Intimata bdiet tghidlu biex jiehu l-leave gurnata ohra, peress li jkollha xi affarijiet taghha, minkejja li kien intitolat ghal dan il-leave stante li kellu ammont sostanzjali ta' sighat tal-leave.

Minkejja li kien hemm ftehim li huwa kien ser jahdem mit-Tnejn sa Gimgha, bdew idahhluh ghax-xoghol anke is-Sibtijiet. Ghal bidu beda jahdem mid-9.00am sas-1.00pm pero' ziedulu l-hin sal-5.00pm.

Kien kuntent fuq il-post tax-xoghol u dejjem wettaq xoghlu bil-galbu u b'lealta' u qatt ma kellu problemi mall-kollegi u ma' min haddmu. Kien ukoll inkarigat biex jiftah u jaghlaq il-hanut u kien responsabbli wkoll biex jaghlaq il-cash. Il-klijenti kienu jhobbuh u dejjem ghenhom kif seta' sabiex johroghom sodisfatti.

Madwar hmistax qabel ma gie mkecci ngustament kien hemm kuntatt bejn missieru u l-Intimata, peress li missieru kien jafhom ukoll ghaliex kien ghamlilhom xoghol ta' signs. Hi kienet infurmata li hu ma kienx ser jidhol ghat-tieni nofs tal-gurnata tax-xoghol peress li c-cirkostanzi ma ppermettewx li jkompli bil-gurnata tax-xoghol tieghu, u l-Intimata kienet fehmet. L-ghada hija cemplet lil missieru u qaltlu li permezz ta' post fuq il-pagna tal-Facebook hi tefghet reklam li hemm bzonn iktar staff ghall-hanut u serrhet ras missieru li hu ma kienx ser jigi mkecci.

Hu dilettant tas-sajd u kien xtara qasba li kienet tiswa Eur 300 mill-hanut taghhom. Wara li xtara l-qasba, inkisret parti minnhom u kien talabhom sabiex igibulu part u kien disponibbli jhallas taghha. Kienu infurmawh li ma kellhom dik il-part available u jekk kienu ser jordnawha kienet ser iddum hafna biex tasal. Ghalhekk iddecieda li jitfaghha pubblikament ghal bejgh fuq Facebook u bil-flus li kien ser igib taghha jixtri qasba ohra minghadhom. Huma kienu informati bil-pjan. L-Intimata fethet Facebook chat bejniethom it-tlieta, fejn f'din il-konversazzjoni Silvio qallu li l-ewwel darba li jkun disponibbli, imur il-hanut tieghu u kien ser jixtri l-qasba bil-prezz li talab. L-ghada wara nofsinhar hu u missieru marru il-hanut ta' Silvio fi Gwardamangia fil-gurnata li kien leave, bil-qasba biex itijilu u jiehu kreditu u jordna qasba

ohra minghadu bl-istess kreditu. Wara xi nofs siegha jistennew lil Silvio, wasal u staqsih x'qed jaghmel hemm, fejn qallu li kien mar peress li ma kien ebda hin li setghu jiltaqghu, u ma kien qed jaghmel xi haga li mar jiltaqa mieghu fil-gurnata tal-leave tieghu. Ftit wara Silvio qallu li kien ser itih in-notice. Ghalih u ghal missieru kien xokk kbir u kienet bhal sajjetta fil-bnazzi ghax dejjem wettaq xoghlu sew u ma kienx imur ghax-xoghol kontra qalbu ghax kien qieghed jahdem fil-qasam li tant ihobb, is-sajd. Staqsa mill-ewwel ghaliex kien ser itih in-notice u minn hemm beda jgib hafna skuzi frivoli.

Fost dawn l-iskuzi kien hemm:

Li meta jsejhu xi laqgha tax-xoghol minkejja li kien jattendi ma kienx isegwi – li ma kienx vera;

Darba minnhom kien mar dahal minghajr gakketta tal-uniformi – kull ma gie moghti minghand l-Intimata kienet zip-up wahda u kien ikollu jilbes gakketta ohra tieghu personali fuqu, pero'kien jinzahha meta kien jibda x-xoghol;

Ma stennijiex minni li ma kienx mara jara lill-ibnu meta kien l-isptar u dik il-gurnata kien hadha sick – hu ma kellu l-ebda obbligu li jmur jara lill-ibnu l-isptaru din il-kwistjoni lanqas kellha x'taqsam xejn max-xoghol tieghu.

Dawn l-iskuzi kienu kollha banali u indubjament lanqas iservu bhala gustifikazzjoni l-ghaliex gie imkecci ingustifikament.

Wara li Silvio qajjem dawk l-iskuzi, missieru staqsieh jekk dak ix-xoghol m'ghogbux u saret fil-prezenza ta' Silvio. Ix-xoghol kien ihobbu u kien dedikat ghalih, u ghalhekk missieru qal lil Silvio biex jirrangaw is-sitwazzjoni dment li x-xoghol kien jogghbu u b'hekk ihallu warajhom dan l-episodju. Silvio baqa ma wegibx u f'hin minnhom dar fuq missieru u qallu biex jiehdu jahdem mieghu, ghandu tant xoghol.

Wara dik il-konversazzjoni, Silvio qallu li kif hini l-qasba seta jistad biha, pero' qallu li jixtieq li l-qasba tkun fil-kundizzjoni li xtraha. Dakinhar li mar fil-hanut ta' Silvio, mar specifikament sabiex itih il-qasba u hu jtih il-kreditu taghha u jordna ohra. Silvio baqa' qatt ma tah l-ebda flus u l-qasba hallieha fil-hanut tieghu u baqa' ma ha l-ebda kumpens tieghu.

Minn wara dak l-inkontru ma regax resaq lejn il-post tax-xoghol. Filghaxija l-Intimata kienet batitlu messagg sabiex jirritorna l-hwejjeg u c-cwievet lura. Meta staqsiha fuq liema bazi kien qieghed jigi imkecci baqa' minghajr twegiba. Kien anke saqsieha jekk jergax jirritorna ghax-xoghol peress li haseb li l-inkontru li kellu ma' Silvio kien sforz ta' azzjoni mhux f'waqqitha fis-sahna tal-mument, pero' infurmatu sabiex ma jibqax jidhol ghax-xoghol u li kienet ser tibghatlu flus li kien ghad fadlilha ttiha bil-posta. Ic-cwievet u l-uniformi kienu gew irritornati lura lill-Intimata minn missierha.

Minkejja li l-Intimata qaltlu li ser tibghatlu l-flus bil-posta, hu qatt ma rcievha xejn u f'xi Dicembru batitlu biex imur ghall-ahhar paga li kien ghadu ma thallasx taghha, pero' hu la wiegeb ghal-messagg u lanqas biss mar fil-hiwenet taghhom. Barra minn hekk, hu baqa' ma thallasx ta' xahar paga, tan-notice period, kif ukoll tas-sieghat addizzjonali ta' overtime fl-ammont ta' circa 120 siegha, li gew konvertiti f'leave u li hu qatt ma hadhom.

Skont il-formola tat-terminazzjoni tal-impjieg mahruga minn JobsPlus, hu gie jidher li tkecca fuq passi dixxiplinari, meta ma kienx il-kaz, peress li huwa dejjem wettaq xoghlu b'dedikazzjoni u qatt ma saru lmenti fil-konfront tieghu minn min kien ihaddmu jew minn kollegi tax-xoghol tieghu.

F'dik is-sena li hadem mall-Intimata u Silvio huwa qatt ma kien affaccjat bl-ebda lment u anzi kien dejjem gie mfahhar fuq xoghlu. Kienu jafdaw fih ghax kieku ma kienx hekk ma kienux ser idahhluh jahdem dawk is-sieghat addizzjonali u lanqas ma kienu jhalluh jiftagh u jaghlaq il-hanut u jaghlaq il-cash. Ghadu sal-lum-il gurnata ma jistax isib spjegazzjoni ghaliex gie mkecci minghajr ebda raguni valida.

Ma kellux xi jgerger fuq ix-xoghol hlief li kienet tezisti xi tensjoni f'certa waqtiet. Fil-hanut kien hemm Sistema installata ta' cctvs u f'xi waqtiet meta kienu jidhlu xi individwi bhala klijentela kienet iccempillu l-Intimata u tghidlu biex joqghod attent ghalihom. Din il-haga kienet iddejqu ghaliex kien joqghod attent hafna f'xogholu.

In-nuqqas ta' ragunijiet moghtija da parti tal-Intimata u Silvio Farrugia jikkonsistu fi tkeccija mix-xoghol ingusta u b'konsegwenza qieghed isofri dannu tant li qieghed isib diffikulta' kbira sabiex isib xoghol.

Ra x-xhieda ta' **Owen Farrugia**[14] li qal li l-mowbajl kienu juzawh biex jikkomunikaw flimkien hu u Fiona. Kienu jitkelmu dwar il-klijenti, fi x'hin jiftah il-hanut, dwar l-offerti u kien ikellem xi klijenti wkoll fuq il-messenger, tieghu personali u dak iz-zmien kellu zewg Facebooks tieghu, wiehed mal-ex tfajla u wiehed tieghu. Il-Facebook li kellu mal-ex tfajla kellu r-riklam tal-hanut fuq il-cover photo. Kien ikellem xi klijenti minn fuqu, kienu jsaqsuh dwar prezzijiet, klijenti li kien close taghhom, u ezempju jekk ghandhomx dik jew l-ohra l-hanut.

Fir-rigward tal-uniformi, fix-xitwa kellu gakketta wahda, zip-up u gieli kien imur b'gakketta hoxna, tieghu personali, ghax ried jitla mill-Marsa sa Zebbug f'tal-linja, ghaliex ried jaqbad tnejn tal-linja. Darba minnhom dam naqra fiha ghaliex is-soltu meta kien jidhol kien jinzahha u kien ikollu l-uniformi minn taht.

Rigward il-punch clock ma kinitx xi haga obbligatorja ghax hu u l-Intimata kienu ftehmu kollox fuq Messenger, fi x'hin ghandu jiftah, meta ghandu l-leave.

Darba meta kien hemm klijent barra, kien ghalaq fis-sebgha u fis-sebgha u hamsa kienet tghaddi tal-linja. Kien hemm klijent u kien gja ghalaq u lill-klijent qallu li ser jerga' jiftah, izda l-klijent qallu le u li kien ser imur l-ghada filghodu, xorta ma kienx sejjer jistad fid-dlam. Dwar il-hinijiet dejjem fetah normali. Gieli fetah fit-8.30am metqa suppost jiftah fid-9.00am. Essacc qatt ma ghalaq kmieni u l-episodju tal-klijent meta mar kien fis-sebgha u ried jiftahlu. Il-klijent kien jismu Eric Sciberras.

[14] A fol 81 et seq tal-process, xhieda datata 9 ta' Dicembru 2019.

Fir-rigward tal-qasba, kellu tackle tas-sajd u tefaghhom ghal-bejgh, izda l-Intimata qaltlu li ser johduhom huma u kienu ser ituh credit note ta' Eur 200. Hu kien ra qasba li kien xtara fl-ammont ta' Eur 300, bil-credit note, u kien jonqsu jhallas Eur 100. Sadanittant il-qasba kienu tawhilu u mar jistad biha, taret bicca zghira minnha u affarijiet hekk idejquh lilu, fis-sens ikun iridha kif kienet u kien staqsieha jekk kelliex part ta' din il-qasba. Fl-istore kellha, ma jafx ezatt kemm, imma kellha sew qasab minnhom u staqsieha jekk tistax taqla part ghax hi qaltlu li jrid jistenna xahar sakemm tasal il-part li ried huwa. Staqsieha jekk setatx izzarma part minn qasba l-istore u tbieghha lilu u meta tasal il-part ta' barra iwahhalha fuqha u hi qaltlu li ma setghux jaghmlu hekk. Qalilha ok u tefaghha ghal-bejgh fuq Marketplace, Facebook ghall-ammont ta' Eur 200. Kien kelmu Silvio u qallu li qed iwaqqa l-prezzijiet taghhom ghac-cajt. Ir-Rikorrent qal li l-qasba tieghu u ghalhekk ibieghha kemm irid. Silvio qallu li kien ser jixtriha hu, ghal Eur 200 u r-Rikorrent accetta. Silvio qallu li l-ewwel darba li jiltaqghu jitkelmu. L-ghada ha l-leave u filghaxija kien sejjer bil-qasba, rah missieru u qallu biex iwasslu biex ma jimxix mill-Marsa sa Gwardamangia.

Meta dahal Silvio ma kienx qieghed hemm izda kien hemm l-impjegat Nigel Bunce. Kien hemm klijent, beda jkebbeb rukkell u beda jghinu. Wasal Sivio u staqsih x'qed jaghmel hemm. Ir-Rikorrent qallu li ghamel kif qallu hu li l-ewwel darba li jiltaqghu jitkelmu, huma ma tantx jistghu jiltaqghu ghax hu jahdem il-hanut ta' Zebbug u hu Gwardamangia fl-istess hinijiet. Silvio staqsih x'ried, fejn irrispondih li hu qallu li ser jixtri l-qasba ghal mitejn Eu, fejn Silvio qalli li hu kien bin-notice. Dak il-hin inhasad ghax in-notice ma kellu xejn x'jaqsam mal-qasba. Silvio qallu li kellu t-tifel l-isptar u ma marx jarah, u li anke l-impjegat l-iehor li ghadu gdid ukoll mar jarah. Huwa wiegbu li ghaliex dak ghadu gdid u jkun irid jidher naqra helu mieghu. Missieru dar fuqu u qallu mhux hekk u telqu 'l barra bil-kwiet. Silvio qal li hu kien aggressiv izda ma kien veru xejn. Jekk irid juri l-kameras. Kieku ra l-kameras qabdet u waqfet hemm din il-kwistjoni.

Fl-istess gurnata filghaxija batitlu l-Intimata fejn qaltlu:

> Owen, stennejt ahjar minnek. Vera ghaziltu z-zmien. Imma ma jimpurtax. Jekk kont qed indejqek daqshekk missek tkellimt mieghi mhux mort tghid minn wara dahri. Ma kontx ittini dik l-impressjoni. Qatt ma keccejna lil hadd mix-xoghol. Kellek tkun int l-ewwel. Lili dejjem ghidtli li niehu hsiebek daqs li kieku ommok u ma jiddispjacinix. Nispera li tiftakar l-affarijiet is-sbieh. Lesti l-hwejjeg u c-cwievet u hudhom G'Mangia. Nibghatlek kollox bil-posta.[15]

Ir-Rikorrent staqsa fuq xhiex qed jigi mkecci u ma wegbitux, u meta se jmur bl-affarijiet u fi x'hin, fejn ma wiegbitux. Fis-sebgha ta' filghodu kelmitu u qaltlu li seta jmur bejn dak inhar u l-ghada, thanks. Wara siegha rega' baghtilha u qalilha jigifieri hu ma kienx ser jiftah filghodu fejn qaltlu le. Jekk Silvio qal li kien aggressiv u kien qal lill-Intimata biex ma tiftahx l-hanut l-ghada, staqsa kif qaltlu biex imur bl-affarijiet l-ghada filghodu jekk kienu qed jibzghu.

[15] Dok OC1, a fol 80 tal-process.

Ghandu jiehu tan-notice, fadallu l-mitejn Euro tal-credit note, ghaliex il-qasba halliha l-hanut u ma hdhiex lura, ta' kemm ilu ma jahdimx, ghaliex meta mar il-labour office qalulu li jrid jinghalaq hawn. Huma qabbduh ma hawnhekk, hu ma riedx jiftah kazijiet. Huma rieduh imexxi, mar il-Jobsplus, peress li gie imkecci ghall-ebda raguni huma spiccaw baghtuh il-Qorti.

Ilu minn Dicembru tas-sena 2018 li waqaf jahdem. Hu baghat CV's, kien sejjer jahdem ma' Mr Fish u ma marx b'rispett tal-Angler. CV's baghat lill-ALTA, ULF izda meta baghtu ghalih u staqsewh fl-intervista u qalilhom l-ahhar xoghol x'kien u kif spicca, qalulu issa jibghatu ghalih u qatt ma baghtu ghalih. Ma' missieru huwa qieghed irriegistrat li jahdem xi 4 sighat ma jafx fil-kemm, jigifieri cucata. Gieli jibghat ghalih kemm jghinu jtella' xi tabella gifieri xejn kbir. Ma jafx kif hinu rregistrat ghaliex halla f'idejn missieru, hu ha hsieb. Meta jkollu bzonnu, xi bicca xoghol kbira biex jghinu per ezempju jtella xi tabella jmur jghinu. Ma jahdimx regolari mieghu, qieghed irregistrat bhala casual worker.

Fir-rigward tal-website taghhom jew fuq il-Facebook page, fejn hemm in-numru tat-telefon tieghu u l-email tieghu, meta kkrejaha l-pagna talbu id-dettalja u dahhalhom. Dik il-pagna qieghda li meta missieru jkollu xoghol b'lura ma' nies ta' affarijiet zghar huma jigu jitkellmu fuq dik il-pagna u hu jqabbadhom ma' missieru.

Mall-ex tfajla kellu account fuq Facebook. Wara ghalqu u kkreja pagna. Catania Stickers Malta huwa l-istess kunjom ta' missieru u tikkonsisti fi stickers. Meta kien jahdem mall-Angler din il-pagna ma kienetx hemm. Fuq il-pagna hemm in-numru tac-cellulari ta' tieghu izda suppost ta' missieru hemm. Il-pagna qieghda jibghatulek messagg minn fuqha u mhux icemplulek jew jibghatulek e-mail. Dahhal id-dettalji tieghu ghaliex gie kkrejata mill-account ta' Facebook tieghu. In-nies kienu jikkomunikaw mieghu minn fuq il-pagfna imbaghad huwa kien iqabbadhom mal-Advertising Signs, il-kumpanija ta' missieru. Meta xehed missieru dahal fuq il-pagna, u lanqas biss kien jaf li kien hemm id-dettalji tieghu, u biddilhom ma ta' missieru. Ma kienx jaf ghax hi qieghda li taghzel jew call him jew message him on facebook. Hu mhux impjegat ma Catania Stickers. Hu impjegat ma Advertising Stickers, casual hours. Catania Stickers qieghda biex missieru ma jidhirx ikrah mal-klijenti ma dawk li jkollhom affarijiet zghar, ikun hemm qisu isem iehor warajha, backup. Iz-zewg pagni ghandhom x'jaqsmu.

Meta mar Gwardamangia mar ma' missieru ghax kif rah sejjer qallu biex iwasslu. Missieru kien jaf ghalxiex sejjer. Mhux minnu li qed jghidu Silvio u Bunce li s-sitwazzjoni kienet iddigenerat. Silvio hesrem qallu li daqshekk ha jahdem mieghu. Xtaq li juru l-cameras. L-Intimata ma qaltlux biex imur ihalli l-affarijiet Gwardamangia, izda xi drabi hija kienet tkun hemmhekk ukoll.

Rigward il-Facebook account li kellu mall-ex tfajla tieghu, qabel ma beda johrog maghha kellu facebook account tieghu personali izda biex ma jkunx hemm glied ghalaq tieghu li kien Owen Catania u fetah wiehed maghha. L-account tieghu kien maghluq temporanjament u ghalaq li kellu mat-tfajla ghal dejjem u rega fetah tieghu. Ma min kien jahdem kellhom facebook u messenger taghhom. Beda juza l-messenger personali tieghu u mhux taghhom ghax kien hemm klijenti li kienu jippreferu jkellmu lilu, ghax kien hemm klijenti li kienu jippreferu jikkomunikaw direttament mieghu peress li hu kien jiftah il-hanut ta' Zebbug u kienu draw lilu. Kienu jippreferu jikkomunikaw direttament mieghu milli jikkomunikaw mall-pagna tal-

hanut. Il-pagna tal-hanut ma twegibx mill-ewwel ovvjament bhal kull pagna ohra, allura kienu jikkomunikaw mieghu. Ikunu jafu li jkun xoghol u kienu jsaqsu lilu u kien imur jiccekja. Il-Facebook beda juzah ghal raguni ta' xoghol li huma stess kienu jafu. Gieli anke l-Intimata kienet tibghatlu fuq messenger. L-unika raguni li kien juza l-mobile kien biex jikkomumika mal-Intimata, biex tghidlu meta ma jiehux leave ezempju biex twassal lit-tifel hi u biex ikellem lil klijenti biex jaghtihom xi prezzijiet jew jghidilhom jekk kienx hemm xi haga available.

## 4. Trattazzjoni tal-Partijiet

Ra illi l-partijiet ipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet bil-miktub.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub tal-Intimata[16] li permezz taghha ssottomettiet li mil-provi kkumpilati rrizulta fl-iktar mod manifest li l-impjieg ta' Owen Catania gie tterminat fil-parametri li trid il-ligi u ghalhekk l-ilment tieghu ma jistax jigi akkolt. Hija write li huwa inghata diversi warnings u wara l-incident li serhh fil-hanut ta' G'Mangia ma kienx hemm alternattiva hlief li jigi tterminat l-impjieg tieghu. Dan l-incident wahdu kien bizzejjed sabiex jigi tterminat l-impjieg. Gie ppruvat li huwa kien vjolenti fil-konfront ta' Silvio Farrugia hekk kif ikkonfermat mix-xhud indipendenti Nigel Bunce. It-Tribunal japprezza li ma kien ebda raguni valida sabiex huwa jmur fil-hanut tal-employer tieghu ghas-sodisfazzjoni dwar qasba. Huwa kien ghadu impjegat u ghalhekk ma jaghmilx sens li huwa mar pacifikament barra l-hin tax-xoghol dwar xi haga daqsekk zghira. Dana t-Tribunal kemm-il darba ikkummenta li ma hemmx lok ghal-vjolenza fuq il-post tax-xoghol, li imgieba vjolenti tiggustifika terminazzjoni.

Din il-kawza tiddependi wkoll dwar il-kredibilita' tax-xhieda. It-Tribunal kellu l-opportunita' jara kemma ma kienux kredibbli Catania u missieru meta xehdu viva voce, partikolarment fl-istadju tal-kontro-ezami. Hija fakkret lit-Tribunal dwar il-mod konfuz u manifestament inveritier li bih Catania u missieru ippruvaw jirribattu l-provi inkonfondibbli li gabet dwar ix-xoghol li kien qieghed iwettaq Catania ma missieru wara li gie tterminat l-impjieg ta' Catania. Dana wahdu huwa bizzejjed sabiex il-verzjonijiet ta' Catania jigu skreditati, partikolarment ghal dak li jirrigwardja l-incident li sehh fil-hanut ta' G'Mangia li finalment wassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub tar-Rikorrent[17] li permezz taghha ssottometta li l-esponenti dam jahdem mal-Intimata ghal-perjodu ta' sena u cioe' minn Novembru 2017 sa' Ottubru 2018. Huwa gie imhallas ta' 11-il xahar u fadallu jithallas paga ta' xahar, hlas tan-notice period, kif ukoll mitejn Euro kreditu relatata mal-qasba tas-sajd li huwa kien xtara. Kien hemm ukoll istanzi fejn hadem sieghat zejda ta' sahra u dawn is-sieghat kienu ser jigu kkumpensati bhala granet leave. Dan l-arrangament ma giex ikkomunikat mieghu la fl-istadju preliminary u lanqas qabel l-ingaggar tieghu u hu ghandu dritt li jircievi l-hlas li jammonta ghal 120 siegha overtime li baqa ma giex ikkumpensat taghhom.

B'rabta mall-kaz odjern, il-gurisprudenza kostanti, nkluz fil-kwistjonijiet tax-Xoghol fl-ismijiet Emanuel Mifsud vs AX Hotels Operations Limited (Kaz Nru 3244/14AM) deciza nhar it 28 ta' Frar tas-sena 2020 thgallem li f'materja ta' tkeccija ta' mpjieg iridu jitharsu principji

---

[16] A fol 99 et seq tal-process, datata 18 ta' Awissu 2020.

[17] A fol 101 et seq tal-process, datata 21 ta' Awissu 2020.

akkolti mid-duttrina Ngliza u dik kontinentali. Illi ghalhekk it-tkeccija ngusta ser tigi ezaminata taht tlett binarji.

1. L-Allegati Nuqqasijiet
2. L-incident
3. L-impjieg li allegatament qieghed jezercita l-esponenti u danni sofferti.

Mill-assjem tal-provi, l-pretensjonijiet ivvintati mill-Intimata ma jirrizultawx li gew sostanzjati bi provi u ghalhekk ghandhom jigu skartati u ghaldaqstant ghandu jigi kkonfermat minn dan l-Onorabbli Tribunal li t-tkeccija kienet wahda ngusta u l-eccezzjonijiet tal-Intimata ghandhom jigi respinti in toto bl-ispejjez.

## 5. Kunsiderazzjonijiet

Ikkunsidra li t-talbiet tar-Rikorrent jirrigwardjaw terminazzjoni ta’ mpjieg minghajr kawza gusta; u f’kaz li din it-talba tigi milqugha sabiex jigu llikwidati d-danni.

Illi kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet Eileen Leone Ganado vs Link School of Languages Limited (Appell Inf 28.4.2017), il-Qorti tenniet illi:

> ‘Ovvjament kull kaz irid jigi deciz skond ic-cirkostanzi partikolari tieghu. Hi kwistjoni ta’ fatt: i. jekk l-impjegat huwiex hati ta’ kondotta hazina; fl-affermattiv jekk dik il-kondotta ghandiex taghti lok ghat-tkeccija. Sabiex jasal ghal decizjoni f’dan is-sens ovvjament it-Tribunal irid iqies ic-cirkostanzi tal-kaz partikolari li jkun qieghed jiddeciedi u li jirrizultaw mill-provi.
>
> Illi “Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli.”
>
> Issa ghal dak li jirrigwardja ‘raguni tajba u sufficjenti’ li trid il-ligi, sabiex ikun hemm terminazzjoni tal-impjieg ghal raguni gusta, dan it-Tribunal fir-rigward jaghmel referenza ghal dak ritenut mill-Qorti tal-kassazzjoni Taljana (24 ta’ Gunju 2000 numru 8631) “per stabilire in concreto l’esistenza di una giusta causa di licenziamento che deve rivestire il carettere di grave negazione degli elementi essenziali del rapporto di lavoro ed in particolare di quello fiduciario occorre valutare da un lato la gravita dei fati addebitati al lavoratore in relazione alla portata oggettiva e soggettiva dei medesimi alle circostanze nelle quali sono stati commessi ed all’intensita dell’elemento intenzionale dall’altro, la proporzionalita fra tali fatti e la sanzione inflitta stabilendo se la lesione dell’elemento fiduciario su cui si basa la collaborazione del prestatore di lavoro sia in concreto tale da giustificare o meno la massima sanzione disciplinare definitivament espulsiva.”

Fil-kawza Emanuel Mifsud vs AX Hotels Operations Limited, deciza nhar it-28 ta Frar 2020,[18] gie ritenut li f'materja ta' tkeccija mill-impjieg iridu jitharsu dawn il-principji rakkolti mid-duttrina Ngliza u dik kontinentali fuq is-suggett:

> *(1) L-addebitu tan-nuqqas jew ta' l-imgieba hazina jrid ikun specifiku, jigifieri ghandu jkun formulat b'mod car ta' l-aspetti essenzjali u materjali tal-fatt denunzjat. Mhux accettat allura li l-addebitu jkun bazat fuq semplici suspetti vagi jew ridott ghall-alluzjonijiet generici;*
>
> *(2) Ir-reazzjoni mill-principal trid tkun ukoll wahda tempestiva. Jekk xejn, biex tikkonsentixxi lill-impjegat li jkollu difiza immedjata, u daqstant iehor effikaci, biex jilqa' ghall-akkuzi fil-konfront tieghu;*
>
> *(3) Il-kontestazzjoni minn min ihaddem tesigi, b'necessita`, li tkun immutabbli, jigifieri, li jkun hemm korrispondenza bejn il-fatt kontestat u dak migjub 'il quddiem bhala bazi ta' akkuza u ta' l-azzjoni dixxiplinarja dwaru;*
>
> *(4) Ta' mportanza, mbaghad, huwa l-principju tal-proporzjonalita` bejn l-addebitu u s-sanzjoni li tigi kommunikata mill-principal. Dan fis-sens illi l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun in relazzjoni mall-ghazla u l-mizura tas-sanzjoni u in rapport ghall-gravita tan-nuqqas; s'intendi, valutata fl-entita` taghha, soggettiva u oggettiva.*[19]

Ikkunsidra li mill-provi jirrizulta illi li r-Rikorrent kien impjegat ma' Fiona Farrugia fuq bazi full-time u li kien jiehu hsieb il-hanut ta' Zebbug huwa. Jirrizulta illi kien ikollhom laqghat fejn kien ikun z-zewg impjegati, r-ragel tal-Intimata u l-Intimata prezenti fejn kienu jitnizzlu l-minuti fuq xiex tkellmu, kif ukoll fejn ingibdet l-attenzjoni tal-impjegati fuq affarijiet li ma kellhomx jergghu isiru, kif ukoll xi affarijiet li ghamlu l-impjegati waqt il-hin tax-xoghol.[20] Jirrizulta wkoll illi id-decizjoni li r-Rikorrent jitkecca mix-xoghol ittiehdet meta r-Rikorrent mar il-hanut sabiex ibiegh qasba lil Silvio Farrugia hekk kif kienu ftiehmu u sar argument liema argument eskala.

Mix-xhieda prodotta miz-zewg partijiet hemm zewg verzjonijiet differenti minn xulxin. Filwaqt li l-verzjonijiet jaqblu safejn qed jghidu li r-Rikorrent mar ma missieru l-hanut tal-istess Intimata li jiehu hsieb ir-ragel taghha Silvio Farrugia, u li fih kien hemm ukoll impjegat iehor prezenti, gewwa Gwardamangia, u kien hemm klijent li qdewh it-tnejn flimkien, imbaghad hemm verzjonijiet totalment opposti ta' kif zvolgew l-affarijiet. Min-naha tar-Rikorrent u x-xhud imtella' minnu u cioe' missieru, jghidu li ghalkemm kien hemm battibekk ma sahanx l-argument u fl-ebda mument ma hebb ghal Silvio, izda keccieh ghal xejn b'xejn.

Min-naha l-ohra x-xhieda tal-impjegat Nigel Bunce u Silvio kienet illi l-argument tant kemm sahan li r-Rikorrent hebb ghal Silvio tant li kellu jzommu missieru milli jkompli jishon u jispiccaw aghar. Kien f'dak il-punt illi Silvio Farrugia qallu li l-impjieg tieghu qed jigi tterminat u l-Intimata kkonfermat dik id-decizjoni hekk kif jirrizulta mill-messagg esebiet.[21]

---

[18] Kaz Numru: 3244/14; Dr Anna Mallia

[19] Qorti tal-Appell (sede inferjuri); Imhallef Sciberras; nhar l-1 ta' Marzu 2006; Appell Civili numru 1/2005; fl-ismijiet Charlot Scerri vs St Microelectronics (Malta) Limited

[20] A fol 50 et seq tal-process

[21] A Fol 80 tal-process

Huwa ritenut illi:

> "In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil- gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l- konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l- fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragonevoli, fil- kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawza civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilità mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilità civili" – (Giordmaina Medici et vs Rizzo – 28.4.2004)

F'dan il-kaz il-gudikant huwa ggwidat mill-insenjament moghti fis-sentenza fl-ismijiet "Farrugia vs Farrugia" moghtija fil-24 ta' Novembru 1966 fejn kien inghad hekk:[22]

> "ll-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli fill-Qorti f dak l-istat ta' perpelessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddecieci b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola in dubio pro reo."

Ir-Rikorrent qal li hu qatt ma kellu problemi mall-Intimata u hija qatt ma taghtu "warning" u qatt ma gibditlu l-attenzjoni fuq xejn. Mill-minuti tal-istaff meeting datati 16 ta' Lulju 2018 jirrizulta li Silvio Farrugia fakkar lir-Rikorrent li huwa ma jistax juza l-mobile waqt il-hin tax-xoghol, fejn ir-Rikorrent kien qallu li kien ser jitfi l-wifi biex ma jkollux tentazzjoni. Fil-minuti tal-istaff meeting datati 15 ta' Ottubru 2018, ir-Rikorrent rega gie imfakkar biex inaqqas jew possibilment jelimina l-uzu tal-mobile hekk kif kien ipprometta qabel. Kien hemm anke nota li ser tkun fuq l-agenda u li ser tiddiehet azzoni jekk mhux ser tkun rizolta sal-laqa' ta' wara. F'punt numru erbgha tal-istess minuti, kien hemm rrekordjat li hadd ma jista jillogja barra mill-facebook tal-hanut u wiehed jidhol fil-facebook personali tieghu. Il-facebook personali ma setax jintuza waqt il-hin tax-xoghol u l-password tal-facebook tal-hanut kienet tafu biss l-Intimata, allura ma jkunux jistghu jergghu jillogjaw lura. Fix-xhieda taghha l-Intimata spjegat li dan kien gara fil-hanut ta' Zebbug fejn kien jahdem ir-Rikorrent. Fil-minuti tal-istaff meeting tal-1 ta' Novembru 2019, l-agenda item numru 5 kienet li l-uzu tal-mobile ghadha problema mar-Rikorrent, fejn kien rega inghata warning verbali ghal darb'ohra. It-Tribunal jinnota li l-kontenut ta' dawn il-minuti fl-ebda mument ma gew ikkontestati jew kontradetti mir-Rikorrent.

Min-naha l-ohra r-Rikorrent fix-xhieda tieghu qal ukoll illi huwa kien juza l-messenger sabiex ikellem lill-Intimata stess, kif ukoll klijenti li kienu jippreferu jitkellmu mieghu, izda prova ta' dan ma gie prodott xejn, salv ghall-ahhar messaggi li ghaddew bejnu u bejn l-Intimata fir-rigward tat-tkeccija tieghu. Meta l-Intimata giet mistoqsija jekk kienetx konxja li kien hemm klijenti li kienu jippreferu jitkelmu mar-Rikorrent direttament, l-Intimata wiegbet illi hadd mill-

[22] Rik Nru: 101/2010JPG

impjegati ma seta' jikkomunika direttament mall-klijent u li kieku kienet taf b'dan il-fatt hija kienet ittih warning.

Ikkunsidra li l-Intimata spjegat illi hija ma zammitx il-filmati tal-incident li sehh fil-hanut ta' Gwardamandia u hassritu wara hmistax-il gurnata ghaliex peress li r-Rikorrent kien irritorna l-affarijiet kollha mitluba minnu fl-istess messaggi esebieti, ghalhekk l-ghada tal-incident hija u r-ragel taghha Silvio Farrugia hasbu li spicca kollox b'wicc il-gid[23]. Silvio Farrugia min-naha l-ohra, spjega li huwa ma ghamilx rapport stante li ghalkemm kien imbezza' mir-Rikorrent huwa kien jafu u li ghalih kien kollox konkluz[24]. Min-naha l-ohra Nigel Bunce spjega li ma marx jaghmel rapport lil Pulizija Ezekuttiva ghaliex ma kellux ghalfejn itawwal is-sitwazzjoni u b'hekk waqaf hemm[25].

It-Tribunal ma huwiex moralment konvint li l-incident imsemmi mill-Intimata, minn Silvio Farrugia u minn Nigel Bunce ma sehhx. Jirrizulta li r-Rikorrent kemm-il darba kien gie imwissi fuq nuqqasijiet ohra liema nuqqasijiet baqghu jirrikorru minnu stess ghall-iktar minn darba hekk kif jirrizulta mill-minuti u x-xhieda prodotta. In oltre, l-ahhar incident sar fuq wiehed mil-postijiet tax-xoghol tal-Intimata fejn sahansitra f'hinijiet minnhom kien hemm klijent u eskala tant illi l-Intimata ma kelliex triq ohra ghajr li tkeccih.

It-Tribunal jidhirlu li r-rispett bejn l-impjegati ghandha tkun reciproka u fil-kaz odjern l-appellant senjatament naqas minn dan l-obbligu. Huwa bl-ebda mod ma kien gustifikat milli jagixxi b'dik ir-rabja sempliciment ghaliex ittiehdet decizjoni li ma tigiex zarmata qasba biex tissewwa tieghu.

## 6. <u>Konkluzjoni</u>

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-istatements tal-kaz tal-partijiet, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebieti, u s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, jasal ghall-konkluzjoni, li r-raguni tat-tkeccija kienet wahda gusta tenendo kont li kellu gja warnings dwar diversi materji u finalment tkecca minhabba l-agir aggressiv fil-konfront ta' mpjegati li kien hemm f'hanut tal-istess Intimata meta mar sabiex jaghti qasba.

## 7. <u>Decide</u>

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddisponi mill-kawza billi:

Jichad it-talba tar-Rikorrent, filwaqt li jilqa' l-eccezzjoni tal-Intimata.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

[23] A fol 92 tal-process.
[24] A fol 94 tal-process.
[25] A fol 96 tal-process.

Ghall-iskopijiet tal-artiklu 78 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad illi dan il-kaz ma setax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-Ligi minhabba differimenti u ragunijiet amministrattivi.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Dr Marouska Debono**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**